DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/750

tat-8 ta' Mejju 2015

dwar l-armonizzazzjoni tal-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni

(notifikata bid-dokument C(2015) 3061)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tar-Radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni ([2]) allokaw il-banda ta' frekwenza 1 452-1 492 MHz għas-servizzi tat-telefown fiss, tal-mowbajl (ħlief il-mowbajl aeronawtiku), tax-xandir u tax-xandir bis-satellita fuq bażi koprimarja fir-Reġjun 1, li jinkludi l-Unjoni. Huma jillimitaw l-użu tal-banda mis-servizz ta' xandir bis-satellita u s-servizz ta' xandir awdjo diġitali (Digital Audio Broadcasting — DAB).

(2) L-arranġament speċjali ta' Maastricht tal-2002, kif rivedut fl-2007 ([3]), jipprovdi qafas tekniku u regolatorju għall-użu ta' DAB terrestri (IT-DAB) fil-banda ta' frekwenza 1 452-1 479,5 MHz f'pajjiżi firmatarji inklużi l-Istati Membri kollha. Huwa jistabbilixxi wkoll proċeduri għal koordinazzjoni transfruntiera bejn t-T-DAB u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili.

(3) Id-Deċiżjoni 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (RSPP) li jistabbilixxi l-mira li jiġu identifikati tal-inqas 1 200 MHz ta' spettru adatt għall-broadband bla fili fl-Unjoni sal-2015, inkluż l-ispettru li diġà qed jintuża, fuq il-bażi tal-inventarju tal-ispettru.

(4) Il-banda ta' frekwenza 1 452-1 492 MHz ġiet ddeżinjata għall-użu tax-xandir fl-Istati Membri, iżda l-użu tagħha kien pjuttost limitat. Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-inventarju tal-ispettru tar-radju (RSPP) ([5]) jikkonkludi li dan huwa sottoutilizzat fl-Unjoni u għandu jiġi użat mill-ġdid għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili skont l-RSPP fil-mira tal-ispettru. Madankollu, is-sistemi ta' xandir terrestri eżistenti għandhom ikunu protetti fuq medda twila ta' żmien, inkluż fil-każ li jiġu mġedda l-awtorizzazzjonijiet tagħhom.

(5) Fl-opinjoni tiegħu dwar l-isfidi strateġiċi li qed thabbat wiċċha magħhom l-Ewropa biex tindirizza l-ispettru li dejjem qed tikber tal-broadband mingħajr fili ([6]), il-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju rrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra l-adozzjoni ta' miżuri kumplimentari biex jippromwovu aktar l-użu ta' banda ta' 1 452-1 492 MHz għal konnessjoni dixxendentali supplimentari, filwaqt li xorta jippermetti lill-Istati Membri biex jużaw parti minn din il-banda għal użi oħrajn, bħax-xandir.

(6) Fid-19 ta' Marzu 2014, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju, il-Kummissjoni ħarġet mandat għall-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT) biex tiżviluppa l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati fil-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili fl-Unjoni.

(7) Fit-28 ta' Novembru 2014, bi tweġiba għal dak il-mandat, is-CEPT ippubblikat rapport tas-CEPT Nru 54 li ppropona l-armonizzazzjoni tal-banda ta' 1 452-1 492 MHz għal broadband bla fili għall-użu ta' broadband b'konnessjoni dixxendentali supplimentari, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jadattaw għaċ-ċirkostanzi

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
([2]) Jinstabu taħt: http://www.itu.int/pub/R-REG-RR
([3]) Special Arrangement of the European Conference of Postal and Telecommunications Administrations (CEPT) relating to the use of the band 1 452-1 479,5 MHz for Terrestrial Digital Audio Broadcasting (TDAB), Maastricht, 2002, Constanta, 2007 (MA02revCO07).
([4]) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).
([5]) Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the Radio Spectrum Inventory (COM(2014) 536 finali).
([6]) Dokument RSPG 13-521 Rev 1.

nazzjonali f'partijiet tal-banda (bħal 1 452-1 479,5 MHz) għal xandir terrestri. Downlink supplimentari huwa ta' użu downlink biss meta l-ispettru fi ħdan il-banda jintuża għal trażmissjoni unidirezzjonali minn stazzjon bażi li jipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, flimkien ma' użu tal-ispettru f'banda oħra ta' frekwenzi.

(8) Użu downlink biss fil-banda ta' frekwenzi armonizzata 1 452-1 492 MHz għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili hija importanti fl-indirizzar ta' simetrija tat-traffiku tad-dejta permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' broadband bla fili ta' downlink fis-sistema. B'kont meħud ukoll tal-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizz, dan jiffaċilita wkoll il-koeżistenza ma' servizzi ta' xandir terrestri diġà eżistenti fl-istess banda, li jistgħu ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet tekniċi stabbiliti minn din id-Deċiżjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jallokaw il-banda ta' frekwenzi fuq bażi mhux esklussiva li t-tipi kollha ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u jiżguraw il-koeżistenza tas-servizzi skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali u f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali.

(9) Il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili fil-banda ta' 1 452-1 492 MHz għandha tkun ibbażata fuq tqassim tal-kanali armonizzati komuni u kundizzjonijiet tekniċi minimi (l-inqas restrittivi) biex jitrawwem is-suq uniku, tiġi mmitigata l-interferenza dannuża u tiġi żgurata koordinazzjoni tal-frekwenza.

(10) Huma meħtieġa kundizzjonijiet u prinċipji tekniċi komuni biex tiġi żgurata l-koeżistenza bħala protezzjoni xierqa bejn is-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika broadband bla fili u t-T-DAB fi ħdan il-banda ta' 1 452-1 492 MHz, u bejn dawn is-servizzi f'din il-banda u użi oħra f'baned li jmissu magħhom, inkluż ir-rilejs tattiċi tar-radju, il-konnessjonijiet fissi kkordinati u t-telemetrija ajrunawtika. Hemm ħtieġa potenzjali għal miżuri nazzjonali addizzjonali biex tiġi żgurata l-koeżistenza ma' użi f'baned li jmissu ma' xulxin, bħal konnessjonijiet fissi mhux koordinati.

(11) Jista' jkun li jkunu meħtieġa arranġamenti bejn l-amministrazzjonijiet biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-parametri stabbiliti b'din id-Deċiżjoni sabiex tiġi evitata l-interferenza ta' ħsara u sabiex jittejbu l-effiċjenza tal-ispettru u l-konverġenza fl-użu tal-ispettru. Ir-Rapport tas-CEPT nru 54 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji tekniċi għal koordinazzjoni transfruntiera bejn is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili u t-T-DAB u s-servizzi tat-telemetrija ajrunawtika fil-banda bejn 1 452-1 492 MHz, inkluż fil-fruntieri tal-Unjoni.

(12) L-użu tal-banda ta' frekwenzi bejn 1 452 u 1 492 MHz minn applikazzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi, soġġetti għal ftehimiet internazzjonali, jista' jillimita l-introduzzjoni u l-użu tagħha mis-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili f'xi Stati Membri. Dawn l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun it-tul u l-firxa ġeografika ta' dawn il-limitazzjonijiet mill-aktar fis possibbli u għandhom ifittxu l-għajnuna tal-Unjoni, fejn ikun hemm bżonn, skont l-Artikolu 10(2) tal-RSPP. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn il-limitazzjonijiet skont l-Artikoli 6(2) u 7, u l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju.

(13) Għalhekk, il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu applikati fl-Unjoni kollha, u għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat l-użu tal-banda ta' 1 452-1 492 MHz għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili skont l-RSPP fil-mira tal-ispettru. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-użu tal-banda sabiex tiġi ffaċilitata l-evalwazzjoni tal-impatt tagħha fil-livell tal-UE kif ukoll reviżjoni f'waqtha tagħha, meta jkun meħtieġ.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li tarmonizza l-kundizzjonijiet għad-disponibbiltà u l-użu effiċjenti tal-banda ta' 1 452-1 492 MHz għal sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jallokaw u jqiegħdu għad-dispożizzjoni, fuq bażi mhux esklussiva, il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, skont il-parametri mogħtija fl-Anness sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi terrestri msemmija fil-paragrafu 1 jagħtu l-protezzjoni xierqa lil:

(a) sistemi f'baned li jmissu ma' xulxin; kif ukoll

(b) sistemi ta' xandir terrestri li joperaw fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 479,5 MHz skont awtorizzazzjoni fis-seħħ fil-jum tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni jew għal tiġdid sussegwenti ta' din l-awtorizzazzjoni u f'konformità mal-parametri stabbiliti permezz tal-Arranġament Speċjali ta' Maastricht tal-2002, kif rivedut fl-2007.

3. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-ftehimiet tal-koordinazzjoni transfruntiera sabiex jagħmlu possibbli l-operat tas-sistemi msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jqisu l-proċeduri u d-drittijiet regolatorji eżistenti.

Artikolu 3

L-Istati Membri ma għandhomx ikunu marbutin bl-obbligazzjonijiet taħt l-Artikolu 2 f'żoni ġeografiċi fejn il-koordinazzjoni mal-pajjiżi terzi tirrikjedihom jiddevjaw mill-parametri fl-Anness. Huma għandu jkollhom l-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun it-tul ta' żmien u l-ambitu ġeografiku ta' din id-devjazzjoni.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara d-data tan-notifika.

L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-użu tal-banda ta' frekwenza 1 452-1 492 MHz, u għandhom jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni meta jintalbu jew fuq inizjattiva tagħhom stess sabiex ikun hemm żmien biżżejjed għar-reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni, meta jkun meħtieġ.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2015.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PARAMETRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1)

A. PARAMETRI ĠENERALI

1. Il-mod ta' tħaddim fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz għandha tkun limitata għal trażmissjoni minn stazzjon bażi (downlink biss).

2. Id-daqs tal-blokok fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz għandhom jiġu assenjati f'multipli ta' 5 MHz. Il-frekwenza l-aktar baxxa ta' blokk allokat għandha tkun allinjata ma' jew maqsuma bi spazji ta' multipli ta' 5 MHz mit-tarf tal-banda ta' 1 452 MHz.

3. It-trażmissjoni tal-istazzjon bażi għandha tikkonforma mal-Block Edge Mask f'dan l-Anness.

B. KUNDIZZJONIJIET TEKNIĊI GĦALL-ISTAZZJONIJIET BAŻI — BLOCK EDGE MASK

Il-parametri tekniċi li ġejjin għal stazzjonijiet bażi, imsejħin "block edge mask" (BEM), għandhom jintużaw biex tiġi żgurata l-koeżistenza bejn netwerks biswit xulxin fin-nuqqas ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn operaturi ta' netwerks biswit xulxin. Parametri tekniċi anqas stretti jekk ikunu miftiehma bejn l-operaturi u l-amministrazzjonijiet ikkonċernati, jistgħu wkoll jiġu użati sakemm dawn il-parametri jkunu konformi mal-kundizzjonijiet tekniċi applikabbli għall-protezzjoni ta' servizzi jew applikazzjonijiet oħra, inkluż f'baned li jmissu magħhom jew huma soġġetti għal obbligi transfruntiera.

Il-BEM hija maskra tal-emissjoni li hija definita bħala funzjoni tal-frekwenza, fir-rigward tat-tarf ta' blokk ta' spettru li d-drittijet għall-użu tiegħu jingħataw lil operatur. Tikkonsisti minn-limiti ta' qawwa interni u esterni mill-blokk. Il-limitu ta' qawwa ġewwa l-blokk jiġi applikat għal blokk li huwa l-proprjetà ta' operatur. Huma stabbiliti hawn taħt rekwiżiti fakultattivi ta' ġewwa l-blokk. Il-limiti tal-qawwa 'l barra mill-blokk huma applikati għall-ispettru fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz li hija barra blokka permessa lil operatur. Dawn huma stabbiliti fit-Tabella 1.

Barra minn hekk, il-koeżistenza tal-limiti tal-qawwa huma definiti għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili fi ħdan il-banda ta' 1 452-1 492 MHz sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà bejn dawn is-servizzi u servizzi tar-radju oħrajn jew applikazzjonijiet jew fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz jew fil-baned ta' frekwenzi li jmissu ma' xulxin ta' 1 427-1 452 MHz jew 1 492-1 518 MHz. Il-koeżistenza ta' limiti tal-qawwa fir-rigward ta' servizzi jew applikazzjonijiet f'baned li jmissu ma' xulxin huma stabbiliti fit-Tabella 2. Miżuri tekniċi jew proċedurali addizzjonali ([1]) jew it-tnejn li huma jistgħu jiġu applikati fil-livell nazzjonali biex tiġi żgurata l-koeżistenza ma' servizzi u applikazzjonijiet f'baned li jmissu ma' xulxin. Il-limiti ta' koeżistenza għal servizzi T-DAB fil-banda ta' bejn 1 452-1 492 MHz huma stabbiliti fit-Tabella 3.

Rekwiżiti ta' ġewwa l-blokk

Mhuwiex obbligatorju limitu tal-qawwa iżotropa ekwivalenti (EIRP) ([2]) ġewwa l-blokk għall-istazzjonijiet bażi. L-Istati Membri jistgħu jissettjaw limitu EIRP ta' mhux aktar minn 68 dBm/5MHz li jista' jiġi miżjud għal skjeramenti speċifiċi, pereżempju għall-użu aggregat tal-ispettru fi ħdan il-banda ta' 1 452-1 492 MHz u spettru f'baned ta' frekwenzi-inferjuri.

Rekwiżiti ta' barra mill-blokk

Tabella 1

Limiti EIRP ta' barra mill-blokk tal-istazzjon bażi tal-BEM fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz għal kull antenna

Medda ta' frekwenzi tal-emissjonijiet 'il barra mill-blokk	EIRP ta' barra mill-blokk ta' medja massima	Medda ta' frekwenzi tal-kejl
– 10 sa – 5 MHz mit-tarf t'isfel tal-blokk	11 dBm	5 MHz
– 5 sa 0 MHz mit-tarf t'isfel tal-blokk	16,3 dBm	5 MHz
0 sa + 5 MHz mit-tarf ta' fuq tal-blokk	16,3 dBm	5 MHz

([1]) Pereżempju, wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: il-koordinazzjoni tal-ippjanar tal-frekwenza, il-koordinazzjoni tas-siti, limiti tal-qawwa interni fil-banda aktar stretti għal stazzjonijiet bażi, limiti għall-qawwa iżotropa rradjata esterna effettivi għall-istazzjonijiet bażi iktar stretti minn dawk stipulati fit-Tabella 2.

([2]) EIRP ġewwa l-blokk hija l-qawwa totali rradjata f'kull direzzjoni f'post wieħed, indipendenti minn kwalunkwe konfigurazzjoni tal-istazzjon bażi.

Medda ta' frekwenzi tal-emissjonijiet 'il barra mill-blokk	EIRP ta' barra mill-blokk ta' medja massima	Medda ta' frekwenzi tal-kejl
+ 5 sa + 10 MHz mit-tarf ta' fuq tal-blokk	11 dBm	5 MHz
Frekwenzi fi ħdan il-banda 1 452-1 492 MHz li huma spazjati iktar minn 10 MHz mit-tarf tal-blokk ta' isfel jew ta' fuq	9 dBm	5 MHz

Rekwiżiti ta' koeżistenza għal baned li jmissu ma' xulxin

Tabella 2

Limiti EIRP ta' barra mill-frekwenza tal-istazzjon bażi għal baned li jmissu ma' xulxin

Banda ta' frekwenzi tal-emissjonijiet 'il barra mill-blokk	EIRP ta' barra mill-banda ta' medja massima	Medda ta' frekwenzi tal-kejl
Taħt il-1 449 MHz	– 20 dBm	1 MHz
1 449-1 452 MHz	14 dBm	3 MHz
1 492-1 495 MHz	14 dBm	3 MHz
'L fuq minn 1 495 MHz	– 20 dBm	1 MHz

Nota spjegattiva għat-Tabella 2 Dawn ir-rekwiżiti huma maħsuba biex jiżguraw kompatibilità ma' konnessjonijiet fissi kkoordinati, servizzi mobbli u servizzi aeronawtiċi tat-telemetrija limitati għal stazzjonijiet fuq l-art, skjerati fil-baned ta' frekwenzi li jmissu ma' xulxin taħt il-1 452 MHz jew 'l fuq minn 1 492 MHz.

Rekwiżiti ta' koeżistenza fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz

Tabella 3

Il-limiti ta' EIRP ta' barra mill-blokk tal-istazzjon bażi għall-koeżistenza ta' kanali li jmissu ma' xulxin ma' T-DAB fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz

Medda ta' frekwenzi tal-emissjonijiet 'il barra mill-blokk	EIRP ta' barra mill-blokk ta' medja massima	Medda ta' frekwenzi tal-kejl
0 sa 1,3 MHz mit-tarf tal-blokk	9,3 dBm	1 MHz
1,3 sa 1,5 MHz mit-tarf tal-blokk	2,8 dBm	1 MHz
1,5 sa 1,8 MHz mit-tarf tal-blokk	– 6,7 dBm	1 MHz
1,8 sa 2 MHz mit-tarf tal-blokk	– 12,4 dBm	1 MHz
2 sa 2,3 MHz mit-tarf tal-blokk	– 13,7 dBm	1 MHz
2,3 sa 5 MHz mit-tarf tal-blokk	– 14,9 dBm	1 MHz
Frekwenzi li jifdal użati għal it-T-DAB	– 14,9 dBm	1 MHz

Nota spjegattiva għat-Tabella 3: Dawn ir-rekwiżiti japplikaw biss jekk it-T-DAB ikun qiegħed jaħdem fuq livell nazzjonali. Dawn huma maħsuba biex jiżguraw kompatibilità ma' servizzi T-DAB f'kanali li li jmissu ma' xulxin fi ħdan il-banda ta' frekwenzi 1 452-1 492 MHz u banda ta' frekwenzi ta' protezzjoni ta' mill-inqas 1,5 MHz bejn servizzi ta' komunikazzjoni elettronika broadband bla fili u servizzi T-DAB.